MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 418/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 214/09 fl-ismijiet:**

**Paul Cutajar**

**Vs**

**Kunsill Lokali Birgu**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih il-Kunsill rikorrenti, wara li ppremetta illi fit-22 ta' Jannar 2009 gie pprezentat il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 214/09 mis-sekwestrant Paul Cutajar kontra l-Kunsill Lokali, Birgu ghall-ammont ta' ghaxar t'elef u sebghin Euro (€10,070) f'liema mandat is-sekwestratarji kienu s-segwenti: Bank of Valletta plc, HSBC Bank Malta plc, APS Bank Limited u Lombard Bank plc;

Illi, sussegwentement ghal dan il-Mandat ta' Sekwestru, Paul Cutajar intavola kawza kontra l-Kunsill Lokali Birgu, ghal liema kawza l-Kunsill Lokali pprezenta wkoll ir-Risposta tieghu;

Illi l-kawza li ghaliha saret referenza fil-paragarfu precedenti tinsab differita ghall-25 ta' Novembru 2009 quddiem il-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna u liema kawza ggib in-numru 114/09 JAB;

Illi fit-13 ta' Mejju 2009, ir-rikorrenti pprezentaw rikors fejn talbu s-segwenti;

(a) li jigu awtorizzati jipprezentaw kontro-mandat fil-konfront tas-segwenti sekwestrarji: Bank of Valeltta plc, Lombard Bank Limited u HSBC Bank Malta plc, b'dan illi l–mandat ta' sekwestru kellu jibqa' *in vigore* fil-konfront **BISS** tal-APS Bank Limited, u dana peress illi l-istess Bank iddepozita l-Qorti s-somma li s-sekwestrant Paul Cutajar ried jikkawtela;

u

(b) li jigu awtorizzati jizbankaw l-ammontanti depozitati fir-Registru ta' din il-Qorti mill-Bank of Valletta plc u HSBC Bank Malta plc.

Illi dawn iz-zewg talbiet gew milqugha u b'hekk ir-rikorrenti (a) ipprezentaw kontro-mandat relattiv fit-2 ta' Gunju 2009 fil-konfront biss ta' Bank of Valletta plc, Lombard Bank Limited u HSBC Bank Malta plc u (b) ghamlu l-izbank relattiv fil-konfront tal-Bank Bank of Valletta plc u HSBC Bank Malta plc.

**Illi r-rikors odjern jirrigwarda (a) il-Mandat ta' Sekwestru 214/09 li ghadu vigenti mill-APS Bank Limited fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali tal-Birgu u (b) id-depozitu li sar min dan l-istess Bank, li sar permezz ta' Cedola 369/09, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhal Dok 'APS'.**

Illi qieghed jingieb a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti s-segwenti:

(a) Kull Kunsill Lokali huwa kkunsidrat bhala korp statutorju ta' gvern lokali u dan kif inhu stabbilit u rikonoxxut f'Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Kunsill Lokali ghandu diversi funzjonijiet x'jaqdi u dana kif jirrizulta minn Artikolu 33(1) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta, fost liema funzjonjiet wiehed isib is-segwenti:

(i) manutenzjoni jew titjib ta' toroq partikolari.
(ii) Li jipprovdi ghall-gbir u garr ta' zibel minn kull post pubbliku jew privat, ghaz-zamma ta' l-indafa u biex isiru, jinzammu fi stat tajjeb u manutenzjoni tal-latrini kollha, laned taz-zibel u recipjenti ohra ghad-depozitu tempranju u garr ta' zibel, u jara li dawn ikunu accessibbli ghal kulhadd, inkluzi persuni li juzaw siggu tar-roti;
(iii) Li jipprovdi li jsiru, jinzammu fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' *playgronds* tat-tfal etc.
(iv) Li jipprovi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skond livelli nazzjonali u internazzjonali, li jinstalla u jzomm funzjonali *bus shelters* skond *standards* u specifikazzjoni stipulati mill-awtorita' tat-trasport kompetenti, li jistabbilixxi u jzomm fi stat tajjeb postijiet ghal nies, bil-mixi u ghall-ipparkjeggjar u biex jipprovdi ghall-harsien tat-tfal ta' l-iskola qrib l-iskejjel.

(c) Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi illi Kunsill Lokali huwa korp statutorju ta' gvern lokali b'personalita' legali distinta bis-setgha li jaghmel kuntratti, li jharrek u li jkun imharrek, u li jaghmel kull hag'ohra u li jidhol f'dawk it-transazzjonijiet li huma incidentali jew li jwasslu ghall-ezercizzju u ghall-qadi tal-funzjonijiet tieghu skond dan l-att.
(d) Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi illi kull sena l-Ministru responsabbli ghall-finanzi ghandu jalloka vot taht l-Att dwar l-Approprjazzjoni li ghandu jintuza ghall-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-Kunsilli kif jidhru taht l-Att li bih il-Kunislli Lokali gew imwaqqfa.

(e) Id-Dipartiment tat-Tezor johrog l-allokazzjoni lil kull Kunsill, inkluz dak tal-Birgu, u dan sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jopera. Tali allokazzjoni *ossia* hlas isir kull 3 xhur, l-ahhar wiehed kellu jsir fl-ahhar ta' Settembru 2009.

(f) M'hemm l-ebda biza' li Kunsill Lokali m'huwiex wiehed likwidu u dana japplika anke f'kaz li jitbiddel is-Sindku jew is-Segretarja Ezekuttiva tieghu, jew xi kunsillier iehor.

(g) M'hemm xejn li juri l-Kunsill Lokali m'hux ser jonora d-decizjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, f'kaz li t-talbiet tas-Sekwestrant Paul Cutajar fil-proceduri tal-kawza jigu milqugha.

Illi m'hemm xejn lanqas li juri l-Kunsill huwa fallut jew li ser ifalli anzi l-Kunsill ghandu allokazzjoni diehla kull 3 xhur minn Dipartiment li jaqa' taht il-Gvern Centrali li zgur ghandu jserrah mohh is-Sekwestrant. M'hemm xejn x'jigi kawtelat fil-konfront tas-Sekwestrant.

Illi jirrizulta li m'hemm assulutament l-ebda htiega li jinhareg Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tal-Kunsill Lokali u m'hemmx dubju, lanqas, li huwa wiehed likwidu.

Illi mhuwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju li gie pprezentat mis-Sekwestrant fil-konfront tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Illi ma kien hemm l-ebda cirkostanza li turi li setgha kien hemm dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tas-sekwestrant, f'kaz li dawn jigu milqugha.

<u>Illi, fl-ahhar nett, ir-rikorrenti jaghmlu riferenza ghal Rikors iehor ipprezentat minnhom f'proceduri legali ohra, fejn huma talbu, fost l-ohrajn li Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat fil-konfront tal-Kunsill jigi revokat u li in segwitu ta' dan ir-Rikors, il-Prim'Awla tal-Qorti CIvili laqghat it-talba taghhom u rriteniet is-segwenti:</u>

“Illi jirrizulta mill-ligi li l-Kunsill rikorrenti **kull sena** jigi moghti l-fondi biex ikun jista’ jopera skond id-doveri tieghu skond l-istess ligi.

Ghalhekk l-intimat ma ghandu l-ebda perikolu li l-kreditu tieghu jista’ jigi eluz”.

Illi kopja tar-Rikors, tar-Risposta u tad-Digriet li saret riferenza ghalihom fil-paragrafu precedenti qeghdin jigu annessi u mmarkati bhala Dok “A”.

(a) Jigi revokat ghal kollox il-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 214/09 li gie pprezentat fit-22 ta’ Jannar 2009 mis-sekwestrant Paul Cutajar kontra l-Kunsill Lokali Birgu, u dan a bazi ta’ Artikolu 936(1) (b) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Tordna u tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 214/09, fl-ismijiet “Paul Cutajar kontra Kunsill Lokali Birgu” fil-konfront tas-Sekwestratarju APS Bank Limited, u dana *a tenur* ta’ l-Artikolu 836(1) (b) u (f) tal-Kap, 12 tal-ligijiet tal-Malta;
(c) Tawtorizza lil Kunsill Lokali tal-Birgu, rapprezentat mis-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva, sabiex jizbankaw l-ammont depozitat fir-Registru ta’ din il-Qorti mis-Sekwestratarju APS Bank Limited permezz ta’ Cedola numru 369/09 u dana in segwitu tal-mandat ta’ Sekwestru bin-numru 214/09.

U dana taht dawk il-provvedimenti li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha tordna u timponi fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjes kollha kontra s-Sekwestrant Paul Cutajar.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 6 sa fol 19 tal-istess atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fl-4 ta’ Novembru 2009 (fol 20 ibid).

Rat l-atti kollha tal-mandat in esami a fol 22 sa fol 30 tal-atti.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 34 et seq ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi fit-22 ta' Jannar 2009 gie pprezentat il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 214/09 mis-sekwestrant Paul Cutajar kontra l-Kunsill Lokali Birgu ghall-ammont ta' ghaxar t'elef u sebghin Euro (€10,070), f'liema mandat is-sekwestratarji kienu s-segwenti: Bank of Valeltta plc, HSBC Bank Malta plc, APS Bank Limited u Lombard Bank plc;

Illi, sussegwentement ghal dan il-Mandat ta' Sekwestru, Paul Cutajar intavola kawza kontra l-Kunsill Lokali Birgu, ghal liema kawza l-Kunsill Lokali pprezenta wkoll ir-Risposta tieghu;

Illi in segwitu tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju msemmi hawn fuq, il-Banek fuq indikati ddepozitaw l-ammonti sa 'l-ammont indikat fil-mandat odjern, fir-Registru tal-Qorti;

Illi sussegwentement, l-intimati talbu sabiex jibqa fis-sehh il-mandat odjern kontra wiehed biss mis-sekwestranti, ossia APS Bank Limited, ghal liema talba l-intimat ma oggezzjonax;

Illi l-Kunsill Lokali Birgu qieghed issa jitlob li lanqas dan il-mandat ma jibqa fis-sehh ghar-raginijiet indikati minnhom, fejn b'mod sintetizzat l-argument taghhom huwa l-Kunsill Lokali ma jista qatt jfalli peress illi huwa sopportat mill-Gvern, kif ukoll li l–Kunsill in kwistjoni huwa wiehed likwidu;

Illi l-esponenti qieghed joggezzjona ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-esponenti jsemmi l-kawza kif deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Thomas u Catherine konjugi Cauchi vs Kummissarju ta' l-Artikoli et (86B/94) deciza fit-12 ta' Ottubru 2001. Din il-Qorti citat il-Bord li kkumenta hekk:

*Ir-relazzjoni ta' bejn il-Kunsilli Lokali u d-Dipartiment tal-Kunsill Lokali m'hijiex wahda ta' natura 'civili' li hija regolata mid-dritt civili li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-individwi izda hija wahda ta' dritt pubbliku. Huwa fil-fatt id-dritt pubbliku li jirregola l-organizazzjoni ta' l-Istat. Ir-relazzjonijiet regolati bil-ligijiet ta' natura guridika ta' dritt pubbliku bhal ma hi l-Kostituzzjoni, u bhal ma huma l-ligijiet u r-regolamenti li jirregolaw l-amministrazzjoni pubblika fosthom l-Att tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali ghandhom xi dritt civili li jircievu flus minghand il-Gvern, il-flus li jircievu il-Kunsilli, jircevuhom mhux ghax hemm xi obbligu civili da parti tal-Gvern li jhallshom izda ghax il-Parlament qieghed a disposizzjoni tal-Gvern ammont ta' flus li jistghu jintuzaw ghall-iskop li jitmexxew il-Kunsilli Lokali. Ghalhekk id-decizjoni tal-Gvern, li ghal darba, ma jghaddix 2% tal-flus ivvutati lil dawk il-kunsilli akkomodati f'bini li kien diga' qieghed f'idejn il-Gvern qatt ma jista' jammonta ghal hlas da parti tal-Kunsilli Lokali izda jammonta biss ghal dak li hu u cioe' tnaqqis tal-akkomodazzjoni da parti tal-Gvern gustifikata bil-fatt illi l-Kunsill qieghed jigi akkomodat f'bini li qieghed f'idejn il-Gvern (u allura ma kellux l-ispiza tal-kera) u wkoll bil-fatt l-iehor, daqstant importanti, illi l-Gvern kien nefaq hafna flus biex jirranga l-ufficji amminsitrattivi tal-Kunsilli.*

**Illi qabel xejn jigi rilevat kif fil-fatt il-Gvern jista jnaqqas flus li jaghti lill-Kunsilli Lokali bhal ma gara fil-kaz hawn fuq citat! Isegwi li ghalhekk l-esponenti m'ghandu jsib l-ebda konfront jew garanzija totali li l-flus li huwa kkawtela huma garantiti.**

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kompliet tghid hekk:

*Il-Qorti jidhrilha li l-artikolu 3(2) ta' l-Att XV tal-1993 huwa car bixzzejjed. Darba li Kunsill Lokali gie moghni b'personalita' guridika tas-setgha li jaghmel kuntratti, dan ifisser li jgawdi awtonomija mill-Gvern Centrali. Ovvjament is-setghat tieghu huma ta' natura limitata. Jekk l-atti tieghu ma jsirux ope legis jew in forza tal-ligi statutorja, tali atti jkunu ultra vires. Min-naha l-ohra jekk l-atti jsiru intra vires, dawn mhux biss huma atti legalment validi imma ghandhom jigu rispettati.*

Illi ghalhekk huwa car li l-Kunsill Lokali, f'dan il-kaz tal-lokalita tal-Birgu, ghandu personalita' guridika separata u distinta u legalment dan ifisser li hu jerfa' r-responsabilitajiet tieghu, kemm amministrattivi kif ukoll finanzjarji. Li kieku, bid-dovut rispett, it-tezi tal-Kunsill Lokali Birgu tigi accetata, kwalsiasi Kunsill Lokali jista' jonfoq kemm irid ghax hemm il-Gvern Centrali jaghmel tajjeb – haga li zgur mhix accetata.

2. Illi sekondarjament, meta wiehed jipprocedi kontra Dipartiment tal-Gvern, irid bil-fors jipprocedi kontra d-Direttur ta' dak li id-Dipartiment. Illi fil-kaz in dezamina, lanqas ma wiehed qieghed jitkellem kontra l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali izda Kunsill partikolari u ghalhekk it-tezi tal-Kunsill Lokali Birgu ma tissusistix f'dan ir-rispett;

3. Illi fl-ahharnett diga hemm precedent fejn Kunsill Lokali gie maghluq ghar-ragunijiet varji u dan propju juri li l-esponenti, li ghandu kull dritt jikkawtela l-posizzjoni tieghu, jista jkun skopert u ghalhekk jitlob li l-mandat li huwa ghandu fis-sehh jibqa *in vigore*;

Ghaldaqstant ghandu l-unur jipprezenta ghal gudizzju savju u superjuri ta' din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-fatti relattivi ghal dan ir-rikors u li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni, jidher li l-intimat qed jitlob il-hlas, allegatament dovut lilu, tas-somma ta' €10,070 minghand il-Kunsill rikorrenti aventi bhala kawza li 'pagamenti dovuti ghal servizzi ta' gbir ta' skart. Filfatt kienet giet intavolata kawza mill-intimat dwar l-istess pretenzjoni u din giet kontestata mill-istess Kunsill. Inoltre, skond digriet moghti fit-23 ta' Jannar 2009, l-istess rikorrenti ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru in aventi bhala sekwestratarji erba'

banek, liema mandat gie esegwit skond il-ligi, bi tlieta minnhom jiddepositaw fir-Registru tal-Qorti diversi ammonti (ara fol 25, fol 26 u fol 27 ibid). In rigward l-istess mandat jidher li b'digriet moghti fit-3 ta' Gunju 2009, l-istess Kunsill kien ottjena l-hrug ta' kontromandat fil-konfront ta' tlett bank izda mhux fil-konfont tal-Bank 'APS Bank Limited' u r-rikors in esami hu limitat ghal dan l-ahhar Bank imsemmi bhala sekwestratarju.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-fatti, li dwarhom, jerga' jinghad ma hemmx kontestazzjoni, il-Qorti trid tara jekk l-intimat hux gustifikat li '… qieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha …' (arikolu 829 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dwar dan il-punt l-artikolu 836(1)(f) ibid jghid, b'mod car illi f'kaz ta' mandat kawtelatorju bhal dak in esami u mahrug ghall-iskop li ghadu kemm issemma, is-sekwestrat jista' jitlob ghal hrug tal-opportun l-kontromandat f'kaz jintwera li 'fic-cirkostanzi ma jkunux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dawn l-atti, jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli'.

Illi, kif jidher mill-atti saret referenza ghal zewg decizjonijiet moghtija mill-Qrati taghna. L-ewwel decizjoni hi dik annessa a fol 19 b'entu posittiv ghal Kunsill rikorrenti, l-istess wiehed f'dan il-kaz izda b'intimati differenti. It-tieni decizjoni hi dik citata, fir-risposta tal-intimat, a fol 35 tal-atti u li jista' jkun li tindika illi tista' tittiehed decisjoni kontrarja ghal dik fl-ewwel (1) decizjoni citata.

Illi l-Qorti wara li qieset iz-zewg decizjonjiet tara li hu minnu illi Kunsill Lokali hu awtonomu u independenti mill-Gvern Centrali u b'personalita guridika distinta u hu regolata, principalment mill-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali). L-istess Ligi tispecifika x'inhuma l-funzjonijiet ta' Kunsill Lokali u ghal dan il-ghan, sabiex jkunu jistghu jigu esegwiti l-istess doveri u funzjonijiet, il-Parlament kull sena, fil-'budget', jalloka flus sabiex dawn jinqasmu bejn il-Kunsilli Lokali u jithallsu skond kriterju fl-istess ligi. Minhabba dan, avolja

hu minnu illi fil-prattika, Kunsill Lokali partikolari jista', izda allegalment, jinfoq flus aktar minn dawk allokati lilu skond il-kriterji msemmjin fil-ligi, jew jagixxi 'ultra vires'. Izda, dan tal-ahhar ma jigix pruvat fil-kaz partikolari tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Konsegwentement il-Qorti tara li ghandha taqbel mad-decizjoni citata a fol 19 fis-sena illi, anke f'dan il-kaz '… l-intimat ma ghandu l-ebda perikolu li l-kreditu tieghu jista' jigi eluz' u l-mandat in esami ma hux mehtieg, gew gustifikabbli, sabiex l-istess intimat jissalvagwardja l-kreditu allegat minnu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti mir-rikors in esami u:

a) Tirrevoka ghal kollox il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 214/09 li gie presentat fit-22 ta' Jannar 2009 mis-sekwestrant Paul Cutajar kontra l-Kunsill Lokali Birgu u dan a bazi tal-Artikolu 836(1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Tordna u Tawtorizza l-hrug tal-kontro mandat in rigward il-mandat in esami fl-ismijiet premessi u bin-numru 214/09 fil-konfront tas-sekwestratarju APS Bank Limited dejjem a tenur tal-artikolu 836 (1)(f) citat.
c) Tawtorizza lill-istess Kunsill, rappresentant mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv sabiex jizbankaw l-ammont depozitat fir-Registru tal-Qorti mis-sekwestatarju APS Bank Limited permezz ta' cedola numru 369/09 u dana in segwitu tal-mandat inkwistjoni.

In rigward l-ispejjes, dawn jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------